# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Marzu 2001.**

**Numru 25**

**Citaz. numru 673/96 GCD**

**Formosa & Camilleri Ltd, bhala agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance p.l.c., surogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha s-socjeta' Michael Attard Ltd.**

**vs**

**Sea Malta Company Ltd. Bhala armaturi tal-bastiment Pinto, u The Cargo Handling Company Ltd.**

**Il-Qorti;**

## PRELIMINARI : IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA' ATTRICI

1. B'citazzjoni is-socjeta' attrici nomine ippremetta illi s-socjeta' Michael Attard Limited kienet importat f'Malta fuq il-bastiment Pinto

wiehed u tletin (31) vettura tal-marka Peugeot. Meta dawn waslu Malta, insab li kellhom hsara u nuqqasijiet. Billi l-vetturi kienu assikurati mas-socjeta' attrici, din hallset, ghan-nuqqas u ghall-hsarat li garrab l-importatur, is-somma ta' mitejn u disgha u erbghin lira u ghoxrin centezmu (Lm249.20), li minnhom ghoxrin lira (Lm20) huma survey fees, u giet surrogata fid-drittijiet ta' l-importatur.

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici talbet li l-ewwel Qorti biex :-

(a) tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghall-imsemmija nuqqasijiet u hsarat ; u

(b) tikkundannahom jew min minnhom ihallsu lill-attrici nomine s-somma ta' mitejn u disgha u erbghin lira u ghoxrin centezmu (Lm249.20) ghar-ragunijiet premessi, bl-ispejjez u bl-imghax minn dak inhar li kienet notifikata c-citazzjoni.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI APPELLATI</u>**

2. Is-socjeta' The Cargo Handling Company Limited eccepiet li :-

(a) il-vetturi tnizzlu bil-hsara minn fuq il-bastiment, kif jidher mit-tally sheets ;

(b) m'ghandhiex twiegeb ghall-hsarat u ghan-nuqqas, taht ir-regolament numru 86 tal-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet ;

(c) ghandha tigi esebita l-polza ta' assikurazzjoni u ssir ukoll prova tal-hlas lill-assikurat ;

(d) trid issir prova tas-somma ta' mitejn u disgha u ghoxrin lira u ghoxrin centezmu (Lm229.20) bhala danni ;

(e) il-Qorti hija inkompetenti ratione valoris billi d-danni huma ta' inqas minn mitejn u hamsin lira (Lm250) ghax is-socjeta' attrici ma ghandhiex dritt ghas-survey fees ;

(f) ir-regolament 70 tar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet dwar unit loads u unitised cargo jehles lis-socjeta' minn kull responsabilita' ;

(g) ir-regolament 90 u l-iskeda 13 tar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet ukoll jehilsu lis-socjeta' minn kull responsabilita' ;

(h) survey fees ma humiex dovuti ghax is-socjeta' attrici ma kienitx surrogata f'dawn id-drittijiet ;

(i) ebda imghax ma hu dovut ghax is-socjeta' konvenuta ma kienitx imsejha biex thallas somma determinata, ghax is-socjeta' attrici ma

kienitx surrogata fl-imghaxijiet, u ghax, ladarba d-danni huma ammont da liquidarsi, l-imghax jghaddi biss minn dak inhar tas-sentenza ; u

(j) it-talbiet attrici ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez.

3. Is-socjeta' konvenuta l-ohra, Sea Malta Company Limited, eccepiet li :-

(a) hija mehlusa taht klawsoli ta' esoneru : "unprotected motor cars – ship not responsible for damages and accessories" u "vessel not responsible for accessories and/or other goods left inside vehicles nor any interior damage to upholstery, fittings or accessories" ;

(b) id-danni mitluba ma jirrizultawx mit-tally sheets ;

(c) is-socjeta' hija mehlusa wkoll taht klawsola ohra ta' esoneru fil-polza tal-

(d) tal-kariku : "carrier shall not be liable for any loss or damage resulting from any act, neglect or default of his servants in the management of such arrivals and other cargo" u

(d) hija ma ghandhiex thallas is-survey fees.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. Illi fit-30 ta' Aprl 1999, l-Ewwel Onorabbli Qorti tat sentenza limitatament ghall-eccezzjoni ratione valoris u ddecidiet li tilqa' l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza ratione valoris u ghalhekk helset lill-konvenuti mill-harsien tal-gudizzju, b'kull parti ghandha tbati l-ispejjez tagha, izda l-ispejjez tar-registru thallashom is-socjeta' attrici.

Illi l-Ewwel Qorti ibbazat l-argument taghha fuq zewg premessi :

(i) li din il-kawza mhijiex kawza dwar sigurta' marittima, u

(ii) il-kompetenza esklusiva li kellha l-Qorti tal-Kummerc f'materja ta' sigurta' marittima ma ghaddietx ghall-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

**L-APPELL TAS-SOCJETA' ATTRICI**

4. Is-socjeta' attrici appellat minn din is-sentenza fuq l-aggravju kif gej :-

Illi ghall-kuntrarju ghal dak li qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti, (i) din il-kawza hija kawza ta' sigurta' marittima u (ii) il-kompetenza esklusiva li kellha l-Qorti tal-Kummerc f'materja ta' sigurta' marittima ghaddiet ghall-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

**(i) <u>Sigurta' marittima</u>**

Illi punt importanti li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kkunsidratx huwa li l-fonti tad-dritt ta' azzjoni tas-socjeta' attrici appellanti hija r-rabta bejn il-polza ta' assikurazzjoni marittima flimkien mas-surrogata li saru bejn l-istess socjeta' attrici appellanti u s-socjeta' importatrici Michael Attard Limited. Kif iddikjarat ben tajjeb l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tat-22 ta' Marzu 1995 fl-ismijiet "Leslie Causon nomine vs. Godwin Abela nomine) :

"Anke jekk l-azzjoni prezenti verament hija wahda ta' danni, fl-istess hin ma jistax ikun hemm xissjoni, a priori mill-istess assikurazzjoni, marittima, 'il ghaliex id-drittijiet tal-attur jiskaturixxi proprju minn hemm. L-attur jidhol fil-vesti ta' din is-surroga u min issurrogah seta' jissorrogah proprju minhabba li kien hemm polza ta' assikurazzjoni li ghaliha hemm riferenza fil-process. Id-drittijiet jiskaturixxu minn hemm u mhux bizzejjed li jinghad illi l-ezistenza tal-polza tal-assikurazzjoni hija biss mariginali u accidentali, u rilevanti biss jekk tqum xi

Illi barra mis-sentenza appellata, il-gurisprudenza taghna issegwi l-istess ragunament tal-Qorti ta l-Appell kif fuq citat. L-istess hsieb insibuh fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tas-27 ta' Mejju

1991 fl-ismijiet "Edwin Ferrante vs Francis Cuschieri", kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Dicembru 1993 fl-ismijiet Noel Ellul noe vs David Jones et noe" (Avviz Nru. 1128/92 GV) kif konfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' April 1994 u fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Ottubru 1994 fl-ismijiet "Noel Ellul noe vs John Zammit noe" (Avviz Nru.1066/93MM).

Tant hu b'sahhtu dan ir-ragunament, li l-istess socjeta' konvenuta appellata The Cargo Handling Company Limited, li ssollevat l-eccezzjoni ratione valoris fil-kawza odjerna, tat ukoll eccezzjoni li "ghandha tigi esebita l-**polza ta' assikurazzjoni** u ssir ukoll prova tal-hlas lill-assikurat" u eccezzjoni li s-"survey fees ma humiex dovuti ghax is-socjeta' attrici ma kienitx **surrogata** f'dawn id-drittijiet."

Illi ghalhekk huwa car li l-kawza hija kawza ta' sigurta' marittima.

**(ii) Il-kompetenza esklusiva tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

Qabel l-emendi li gew fis-sehh mill-1 ta' Ottubru 1995, l-artikolu 38 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili kien isemmi li "Huwa wkoll ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerc biss il-proceduri kollha dwar falliment u l-kawzi kollha li ghandhom x'jaqsmu maghhom, kif ukoll il-kawza dwar sigurta' marittima ………………"

Ir-raguni storika ta' dan l-artikolu "jirrisali ghall-fatt li mill-antik kien inhass konvenjenti li dawn il-materji jithallew kollha f'idejn it-tribunali marittimi u in segwitu f'idejn it-Tribunali tal-Kummerc (Ara Vivante Trattato di Diritto Commerciale – Vol 1 pag. 112 Footnote (2)" – Pagna 3 tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-2 ta' Dicembru 1993 (Avviz Nru, 1128/92). Dan kien il-hsieb espress ukoll fis-sentenza fuq citati.

Huwa veru li l-artikolu 38 gie mhassar fl-1 ta' Ottubru 1995, izda bl-istess emendi l-artikolu 547 tal-Kodici tal-Kummerc sar ighid illi "l-gurisdizzjoni kummercjali hija ezercitata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili". Il-legislatur hawnhekk dahhal il-kliem "Prim'Awla tal-Qorti Civili" sabiex ifisser dik il-Qorti. Kieku ried ighid mod iehor kien jghid "Qrati Civili". Fil-fatt huwa ried jitrasferixxi il-gurisdizzjoni li kellha l-Qorti tal-Kummerc ghall-Prim'Awla tal-Qorti Civili u b'hekk zamm ferm il-posizzjoni, ir-raison d'etre tal-istorja legislativa taghna dwar il-gurisdizzjoni tal-Qrati taghna fuq kwistjonijiet purament kummercjali.

Illi l-interpretazzjoni tal-art. 547 tal-Kodici tal-Kummerc fis-sentenza appellata twassal ghal ragunament zbaljat illi l-gurisdizzjoni u l-kompetenza tal-Qrati taghna fuq kwistjonijiet purament kummercjali bhalma huma l-kawzi marittimi, l-falliment u s-sigurta' marittima jigu trattati fuq bazi ta' quantum u mhux fuq bazi ta' meritu kif tixhed il-gurisprudenza taghna.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici appellanti talbet li din il-Qorti toghgobha tirrevoka s-sentenza appellata tat-30 ta' April 1999 billi tichad l-eccezzjoni ratione valoris imressqa mis-socjeta' konvenuta appellata The Cargo Handling Company Limited, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta' appellata.

**IR-RISPOSTA TAL-APPELL TAS-SOCJETA' SEA MALTA COMPANY LIMITED BHALA ARMATURI TAL-BASTIMENT PINTO**

6. Is-socjeta' konvenuta appellata Sea Malta Company Limited wiegbet hekk :-

Illi fl-ewwel lok l-appell ghandu jigi dikjarat dezert in mankanza tal-kawtela tal-ispejjez tal-istess kif rikjest mil-ligi ;

Illi fit-tieni lok stante li t-talba fl-appell hija diretta biss fil-konfront tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited s-sentenza ghandha tigi kkunsidrata li ghaddiet in gudikat fil-konfront tal-esponent ;

Illi fit-tielet lok l-esponent ma tax lok huwa ghall-incident in kwistjoni u ghalhekk ma ghandu jbati l-ebda parti mill-ispejjez gudizzjarji involuti fid-decizjoni tal-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti l-ohra.

Illi fl-ahharnett dwar is-sentenza appellata huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' dina l-Qorti.

## IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI

7. Is-socjeta' attrici appellanti ghadha tinsisti, u l-aggravju taghha huwa impernjat fuq hekk, li bil-kontra ta' dak deciz mill-ewwel Qorti,

(i) din il-kawza hija kawza ta' sigurta' marittima u

(ii) il-kompetenza esklussiva li kellha qabel il-Qorti tal-Kummerc f'materja ta' sigurta' marittima, giet vestita fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

8. Illi bhala retroxena jew sfond ta' dan l-appell, jibda biex jigi rilevat li l-meritu tal-kawza huwa dwar dik li komunement tissejjah "marine cargo claim". L-assikurat tas-socjeta' appellanti importa numru ta' vetturi lejn Malta u rriskontra danni li gew ikkwantifikati ghall-ammont globali ta' Lm249.20. Huwa ghamel "claim" mas-socjeta' appellanti u thallas dan l-ammont (fil-fatt thallas ammont icken billi l-ammont miktub bhala sorte jikkomprendi s-"survey fees") u mbaghad dan l-assikurat issurruga lis-socjeta' assiguratrici fid-drittijiet litigjuzi tieghu u din is-socjeta' assiguratrici, a sua volta, harrket lis-socjetajiet konvenuti ghar-rizarliment tad-danni surreferiti. Ic-citazzjoni, <u>bazata fuq azzjoni ta' danni</u>, giet intavolata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili minkejja l-ammont u wahda miz-zewg socjetajiet konvenuti eccepiet l-inkompetenza <u>ratione</u>

<u>valoris</u>. Dina l-eccezzjoni giet milqugha mill-ewwel Qorti. Is-socjeta' attrici mhijiex qeghda taqbel ma' tali decizjoni u fuq l-iskorta wkoll ta' decizjonijiet precedenti, fosthom dik moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Leslie Carson nomine vs Godwin Abela nomine" deciza fit-22 ta' Marzu 1995 u dik ta' qabilha in re " G. Ellul noe vs N. Jones et noe" tat-22 ta' April 1994 u ohrajn li segwewhom moghtijin mill-Qorti tal-Magistrati intavolat dana l-appell fejn argomentat kontra dak li gie ritenut u deciz mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

9. Din il-Qorti, wara li qieset mill-gdid dak li gie sottomess mill-partijiet kontendenti fid-dawl ta' dak li gie deciz mill-ewwel Qorti, hija tal-fehma li dak li gie kkostatat u finalment deciz mill-ewwel Qorti ghandu jitqies bhala li jirrefletti l-posizzjoni guridika korretta ghall-fini tas-soluzzjoni gusta ta' din il-vertenza.

Din il-Qorti wkoll hija tal-fehma li kawza dwar sigurta' marittima hija kawza bejn l-assikuratur u l-assikurat tieghu naxxenti mill-fatt li hemm polza ta' sigurta' marittima. Hekk, per ezempju, kawza fejn l-assikurat jitlob hlas jew xi beneficcju minghand l-assikuratur taht il-polza jew kawza fejn hemm divergenzi dwar interpretazjoni rigwardanti l-istess polza ta' assikurazzjoni. Illi fil-kawza in ezami l-azzjoni hija invece wahda ta' danni bejn l-assikuratur – in kwantu pero' dahal "fiz-zarbun" tal-assikurat tieghu in vista tas-surroga – kontra t-terz. Bil-fatt biss li

ssurroga setghet issehh in forza ta' polza ta' assikurazzjoni ezistenti bejn l-assikuratur u l-assikurat danneggjat ma jbiddilx in-natura ta' l-azzjoni minn wahda ta' rizarciment ta' danni ghal wahda ta' sigurta' marittima kif jippretendi s-socjeta' appellanti. Illi kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti,

> "il-ghan tal-jedd li dwaru saret il-kawza llum huwa l-jedd li s-socjeta' importatrici tivvanta kontra l-konvenuti. Is-surroga u l-polza ta' assikurazzjoni servew biss biex dan il-jedd – li jibqa' l-istess wiehed –ghadda ghand is-socjeta' attrici. Lill-konvenuti, l-kuntratt ta' assikurazzjoni ma jinteressahomx, u s-surrooga tinteressahom biss biex ikunu jafu jekk, fil-kaz li jkunu kkundannati jhallsu d-danni, jinhelsux mill-obbligazzjoni taghhom jekk il-hlas jaghmluh lis-socjeta' attrici flok lis-socjeta' importatrici."

Bil-fatt li s-socjeta' konvenuta appellata talbet li ssir il-prova dwar li tassew sehhet is-surroga ma jbiddilx in-natura tal-azzjoni u lanqas il-fatt dwar jekk is-"survey fees" humiex inkorporati f'din is-surroga jew le. Din il-Qorti tirrikonixxi li dan l-insenjament odjern jikkostitwixxi strapp minn dak illi gie ritenut u deciz fis-sentenzi citati mill-appellant imma kif kellha gja' okkazjoni tghid implicitament l-ewwel Qorti, fis-sistema legali partriju m'ghandniex ir-regola anglo-sassona tal-"precedent" mibnija fuq il-kuncett ta' li "stare decisis". Is-sistema taghna tippermetti ghalhekk

bdil ta' posizzjoni minn dak li jkun gie deciz in kuntrarju f'sentenza precedenti fuq meritu simili. Huwa ghalhekk ukoll li fis-sistema guridiku taghna ghadu jinghata hafna piz lill-parti li tikkoncerna l-motivazzjoni tas-sentenza li tipprecedi id-"decide", specjalment f'kazijiet bhal dawn.

11. Dan maghdud, mhux il-kaz li tigi investita wkoll it-tieni parti tal-aggravju billi dan ikun ezercizzju superfluwu u mhux necessarju. Darba li jirrizulta li din il-kawza mhix wahda li kienet tispetta necessarjament lill-Qorti tal-Kummerc u billi l-valur tas-sorte jispetta, bhala kompetenza, lill-Qrati Inferjuri, allura din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn testendi l-indagini taghha wkoll dwar it-tieni parti ta' l-aggravju. Fic-cirkustanzi, l-eccezzjoni tal-inkompetenza "ratione valoris" hija fondata. Dan ifisser ukoll li l-appell tas-socjeta' attrici appellanti m'huwiex wiehed fondat.

Ghal dawn il-motivi ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell tas-socjeta' attrici bl-ispejjez ta' dina l-istanza kontriha, filwaqt li dawk relattivi ghall-ewwel istanza jibqghu kif gie deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Dep/Reg

mg